TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 95/15/GB

**Anna u Clive Cauchi**

**vs**

**Eximus Services Ltd.**

Illum 1 ta' Lulju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400.00), rapprezentanti l-prezz ta' sett twapet, minn liema, wiehed mit-twapet ġie ddanneggjat mis-socjeta' ntimata wara li nha ghandha ghas-servizz tad-'dry cleaning'.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kien taw erbgha (4) twapet lis-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-'dry cleaning', u meta marru ghalihom irriżulta illi mill-erbgha twapet li gew lura, wiehed minnhom ma kienx taghhom.

Irriżulta illi wara hafna insistenza da parte tar-rikorrenti, it-tapit gie lura u kellu riha ta' ewrina, fejn ir-rikorrenti lmentaw sabiex it-tapit jerga' jinhasel. Meta s-socjeta' ntimata regghat ghamlet id-'dry cleaning' fuqu, u r-rikorrenti regghu marru ghalih, irriżulta illi kien imqatta' u mhux prezentabbli.

Ir-rikorrenti qed jitolbu l-ammont ta' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400.00), liema ammont jirrappreżenta l-prezz ta' erbgha twapet. It-tapit li ġralu l-hsara huwa l-kbir u jiswa' wahdu elf

u mitt Ewro (€1,100.00). Sabiex jitqabblu t-twapet hemm bżonn li jinxtraw t-twapet l-ohra li huma twapet zghar.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu l-ammont ta' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400.00) li jirrappreżenta l-prezz ta' erbgha twapet, u cioe' wiehed kbir u tliet zghar.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Huwa veru illi t-tapit f'cirkostanza minnhom gie mibdul ma' tapit iehor, pero' dan l-incident gie rrangat, u dan kien żball zghir illi ma wassal ghal ebda danni.

It-tapit gie ritornat ghand is-socjueta' ntimata minhabba li r-rikorrenti stqarru li t-tapit ma kienx gie mahsul kif mistenni, u bhala proċedura tas-socjeta' ntimata, meta jkun hemm ilment ta' dan ix-xorta, hija terga' tiġbor it-tapit sabiex terga' tahslu. L-ilment kien illi dan kellu riha mhux pjacevoli.

It-tapit ghadu fil-pussess tas-socjeta' ntimata, tant illi ghall-bzonn jista' jittella' bhala prova sabiex jiġi ppruvat illi t-tapit ma ġralu l-ebda hsara, u dan it-tapit m'huwiex imqatta' kif qed jallegaw ir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet it-tapit in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jinnota li s-socjeta' ntimata ghamlet offerta ta' hamsin Ewro (€50.00) ghall-parti tal-frenza li kienet ġiet iddanneggjata u sussegwentement issewwiet mis-socjeta' ntimata, pero' r-rikorrenti ma aċċettawx tali offerta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jikkummenta dwar il-fatt illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda intempestiva, stante li huma fethu l-proceduri odjerni qabel ma aċċertaw lilhom infushom dwar l-istat finali tat-tapit in kwistjoni wara li gie komplut is-servizz tad-'dry cleaning' u anke t-tiswija. It-Tribunal josserva wkoll illi apparti mill-fatt illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda ghal kollox esagerata, ma gew ezebiti l-ebda riċevuti sabiex tiġi ssostanzjata l-imsemmija talba esagerata. Illi nonostante in-nuqqas totali ta' provi da parti tar-rikorrenti, it-Tribunal, wara li ra t-tapit in kwistjoni, innota l-parti tal-frenza li kienet ġiet

iddanneggjata u msewwija mis-socjeta' ntimata, liema tiswija ma kienitx tal-livell rikjest. Illi ghalhekk, u a bażi ta' l-offerta li saret mis-socjeta' ntimata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00) lir-rikorrenti, filwaqt li jordna lir-rikorrenti jiehdu lura t-tapit in kwistjoni fil-pussess taghhom, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**